# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 37**

**Rikors numru 107/13/2 MH**

**Dr. Francis Lanfranco, Joan Vella Muscat, Clarissa Formosa, Michael Formosa Gauci, Ann Cole, Josef Formosa Gauci, Dr. Philip Manduca għan-nom u in rappreżentanza tal-imsefrin Mark St George, James St George, David St George, Christopher St George, Sarah St George, Caroline St George, Laura St George, Henry St George u Katherine St George**

**v.**

**Malta Tours Limited (C1998), Match Music (Stores) Limited (C26876) u Victor Grech għan-nom tal-imsiefer Philip Grech u l-istess Victor Grech jew min minnhom**

1. B'din is-sentenza ser jiġu deċiżi l-appell tal-konvenuta Malta Tours Limited u appell inċidentali tal-atturi minn sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-1 ta' Diċembru 2021 li biha l-konvenuti Grech u Match Music Limited kienu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju, filwaqt li l-kumpanija Malta Tours Limited

kienet ordnatha tiżgombra mill-fond 53, Triq Santa Luċia, Valletta minħabba li qiegħda tokkupah bla titolu.

2. Il-fatti li wasslu għall-kawża:-

i. Bi skrittura tas-27 ta' Novembru 1969 il-fond oġġett tal-kawża ngħata b'kera lil Joseph Louis u Philip aħwa Portainier għall-perjodu ta' sittax-il sena minn dakinhar sabiex jintuża bħala *"uffiċċju jew ħanut eskluż l-użu ta' barra jew ta' ħanut ta' grocer jew coffee shop"*. Waħda mill-kondizzjonijiet tal-kirja kienet li ma tistax issir sullokazzjoni.

ii. Fit-18 ta' Diċembru 1969 kienet reġistrata l-kumpanija Malta Tours Limited li d-diretturi u l-azzjonisti tagħha kienu l-inkwilini Joseph Lewis Portanier u Godwin Portanier. B'seħħ mill-1 ta' Novembru 1978 il-kumpanija sar jisimha Alta Tours Limited u fit-3 ta' Mejju 1990 reġgħet bidlet isimha għal Malta Tours Limited.

iii. Il-fond kien jintuża bħala uffiċċju ta' aġenzija tal-ivvjaġġar u fuq barra kellu l-isem "Malta Tours". L-irċevuti tal-kera li ġew preżentati jikkonfermaw li l-kera kienet titħallas minn Alta Tours Limited u mbagħad minn Malta Tours Limited.

iv. F'Awwissu 2000 kienet reġistrata l-kumpanija konvenuta Match Music Stores (Malta) Limited b'uffiċċju reġistrat f'San Gwann bl-azzjonista maġġoritarja tagħha tkun Grech Enterprises Limited u sehem 1 mogħti lil Grech Fashions Limited.

v. B'seħħ mill-21 ta' Diċembru 2000 id-diretturi u s-segretarju tal-kumpanija Malta Tours Limited irriżenjaw u minflokhom inħatru Philip Grech, Johanna Grech, Victor Grech u Helen Grech. Hekk ukoll Joseph Portanier ittrasferixxa l-ishma fil-kumpanija lil Grech Enterprises Limited (3,999 sehem), filwaqt li Philip Portanier ittrasferixxa l-ishma tiegħu lil Grech Enterprises Limited (3,999 sehem) u sehem wieħed lil Grech Fashions Limited. B'hekk hu evidenti li kien f'dak iż-żmien li Portanier ħarġu mix-xena. Fi Frar 2001 l-istess kumpanija bidlet l-Istatut tal-kumpanija, u żiedet bħala skop l-import, manifattura, xiri u bejgħ ta' ħwejjeġ.

vi. Fis-sena 2001 is-sidien indunaw li l-fond ingħata l-isem "Match Music" u kien sar ħanut tal-ħwejjeġ.

vii. Mis-sena 2002 Malta Tours Limited bdiet tiddepożita l-kera fil-qorti.

viii. Matul is-snin l-atturi u Grech innegozjaw sabiex issir kirja ġdida u għalkemm kien hemm żmien fejn kien jidher li ser jaslu, eventwalment ma

seħħx ftehim. Kien għalhekk li fid-29 ta' Ottubru 2013 fetħu l-kawża quddiem il-Bord Li Jirregola l-Kera.

3. Fir-rikors preżentat fid-29 ta' Ottubru 2013 l-atturi ppremettew li huma s-sidien tal-fond mertu tal-kawża li kien mikri lill-aħwa Portainer skont skrittura tal-1 ta' Jannar 2014. Komplew li l-konvenuti, jew min minnhom, qegħdin jokkupaw il-fond *"illegalment u abbużivament u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi"* u kienu ilhom mis-sena 2001 ma jaċċettaw il-kera. Għalhekk talbu sabiex il-Bord:

> *".... prevja dikjarazzjoni li l-intimati jew min minnhom qegħdin jokkupaw il-fond 53, Triq Santa Luċija, Valletta mingħajr titolu validu fil-liġi, jordna l-iżgumbrament tal-istess intimati jew min minnhom mill-imsemmi fond u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat lilhom minn dan l-Onorabbli Bord"*.

4. Permezz ta' risposta ppreżentata fid-29 ta' Novembru 2013[1], il-konvenuti wieġbu illi:

> *"1. Illi preliminarjament l-intimati qed jeċepixxu l-inkompetenza ratione materie ta' dana l-Bord u dana peress illi mir-ikors promotur tagħhom jidher illi huma qed jippremettu illi qatt ma kien hemm kirja tal-propjeta' mertu tal-kawza odjerna bejn l-istess rikorrenti u l-intimati jew minn minnhom;*
>
> *2. Illi preliminarjament ukoll ir-rikorrenti jridu jippruvaw it-titolu li qed jivvantaw fuq il-fond de quo;*
>
> *3. Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost l-intimati Match Music (Stores) Limited Victor Grech u Philip Grech m'humiex il-legittimi kontraditturi f'dina l-kawza stante illi m'għandhom ebda relazjjoni ġuridika mar-rikorrenti u dana peress illi r-relazzjoni odjerna hija mas-soċjeta' Malta Tours Limited;*
>
> *4. Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost l-intimati jeċepixxu illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana peress illi jezisti titolu validu ta' kera ai fini u effetti kollha tal-liġi għalfejn ir-rikorrenti għandhom jiġu awtorizzati li jirrprendu l-fond in kwistjoni".*

---
[1] Fol. 6.

5. B'sentenza mogħtija fil-11 ta' April 2016, il-Bord ċaħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti.

6. Il-konvenuti appellaw u b'sentenza mogħtija fit-30 ta' Jannar 2017, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ħassret is-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera u laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti.

7. Sussegwentement b'rikors tat-3 ta' Frar 2017 l-atturi talbu lill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) sabiex skont l-Artikolu 741 tal-Kap. 12 tibgħat l-atti quddiem il-Qorti Ċivili, Prim' Awla. B'digriet mogħti fis-7 ta' Frar 2017 ġiet miċħuda t-talba għaliex "*ma jeżistux iċ-ċirkostanzi li jissemmew fil-paragrafu (b) tal-Artikolu 741 tal-Kap. 12 sabiex din il-Qorti tagħmel id-dikjarazzjoni li tissemma fit-tieni proviso*".

8. F'seduta tad-9 ta' Frar 2017 l-atturi għamlu l-istess talba lill-Bord li Jirregola l-Kera. B'digriet mogħti fit-2 ta' Marzu 2017, il-Bord laqa' t-talba tal-atturi u bagħat l-atti tal-kawża quddiem il-Qorti Ċivili, Prim' Awla sabiex quddiemu tinstema' l-kawża.

9. Wara li nġabru l-provi fil-mertu, b'sentenza tal-1 ta' Diċembru 2021 l-ewwel Qorti ddeċidiet:

*"Illi esposti dawn l-argumenti min dak kollu premess jidher ċar u manifest illi l-aħwa Grech personali ċioe kif mixlija u s-soċjeta Match Music (Stores) Limited huma estraneji għal vertenza u m'għandhom ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti u ebda involviment fil-vertenza in eżami; konsegwetement għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*Tqies ukoll li hu x'inhu l-argument tal-intimati dwar il-kontinwita' tal-persuna ġuridika tas-soċjeta' Malta Tours Limited isib li hawn okkorriet sullokazzjoni vera e propia għal fini ta' l-ispirtu li fih kien miftiehem il-kuntratt lokatizzju u għalhekk ma jibqalha ebda triq ħlief li tilqa t-talbiet attriċi fir-rigward, bl-ispejjez kontra l-intimati".*

10. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi hekk, kienu:

*"Illi bla tlaqliq il-Qorti tista tgħid illi din il-konfusjoni inħalqet biss u unikament tortijiet tas-sidien tal-fond de quo. Jekk wieħed iħares lejn il-kuntratt kostitutiv ta' din il-kirja din ingħatat lil aħwa Portanier personalment u ma kien hemm ebda ħjiel tas-soċjeta' Malta Tours Limited fl-istess. Kienu l-aħwa Portanier illi bdew jgħaddu il-korrispettiv tal-kera taħt l-intestattura tas-soċjeta indikata, bl-akkwixxenza tas-siddien li ħargu kull riċevuta a favur l-istess imsemmija soċjeta' u dana tista tgħid ġia mill-bidu ta' din il-kirja.*

*Illi harsa lejn ir-riċevuti esebiti jirrifletti dana kollu li qed tgħid il-Qorti u dan ferm qabel ma daħħlu fin-nofs l-aħwa Grech.*

*Huwa ċar li mill-kuntratt l-lokazzjoni li sar bejn l-awturi fit-titolu tas-sidien illum u l-inkwilini originali kien hemm kundizzjoni speċifika li ma setgħet isir ebda sulokazzjoni. Ċar hu l-paragrafu 4 tal-ftehim ta' lokazzjoni.*

*Ġara pero illi mill-bidu tal-kirja jew xi żmien qrib wara, aktar qrib lejn il-bidu tal-lokazzjoni milli llum, almenu mis-sena 1982, li l-irċevuti bdew joħogu żgur fuq is-soċjeta' Malta Tours Limited mill-amministratur hekk inkarigat. U kif issostnu sew l-intimati hekk baqgħu joħorgu sakemm bdew jiddepositaw il-kera l-Qorti.*

*Il-vertenza hi jekk allura seħħetx sullokazzjoni in vjolazzjoni tal-kundizzjoni għal kontra kif imposta.*

*....................kienu l-istess partijiet kontraenti li biddlu n-natura tal-ftehim kontrattat minnhom għax ma żammewx ma dak minnhom mitiehem. Tant li l-aħwa Portanier bdew iħallsu l-kera f'isem Malta Tours Ltd. u l-amministratur tas-sidien bdiet toħrog id-debita riċevuti għal-istess. U hekk baqgħet is-sitwazzjoni sakemm kemm Dr.Lanfranco u ix-xhud Joan Vella Muscat indunaw li kien inbiddel l-isem tal-ħanut għal Match Music u saru d-debita riċerki mar-Registratur tas-Soċjetajiet. Minn hawn 'l hemm, allura issa meta ndunaw bl-involviment ta' l-aħwa Grech rrifjutaw l-aċċettazzjoni tal-kera li*

*baqgħet tiġi depositat l-Qorti kif jidħer miċ-ċedoli esebiti dejjem f'isem is-soċjeta' Malta Tours Limited.*

*F'dan ir-rigward is-soċjeta' intimata targumenta lli s-soċjeta' nonostante l-bdil fl-azzjonisti baqgħet dejjem l-istess inkwantu tibqa l-istess persuna ġuridika distinta mill-azzjonisti tagħha, tant li tul il-kambjamenti tagħha kif rifless fil-Memorandum and Articles, Dok MFSA, hi baqgħet l-istess persuna bl-istess numru ta' registrazzjoni, wieħed jista jekwipara dan man-numru ta' karta ta' l-identita' ta' persuna fil-fatt.*

*Ir-rikorrenti kienu urtati bil-fatt li ma ġewx infurmati bil-bdil tal-generu tan-negozzju, kundizzjoni li ma tidher imkien imposta fil-kuntratt kostituttiv. L-unika kundizzjoni f'dan ir-rigward kienet lil fond seta' jintuza' biss "..bħala ufficċju jew ħanut esclus (recte eskluss) l-użu ta' bar jew ta' ħanut ta' grocer jew coffee shop". Pero jibqgħu insistenti li huma kienu jaċċettaw il-kera mingħand Malta Tour Ltd.* ***biss u għaliex wara dan kien hemm l-aħwa Portanier li għalihom kienu l-inkwilini tagħhom.***

*Tqies pero li nonostante l-argument tal-intimati dwar il-personalita' ġuridika ta' kumpanija pero, kif sew qal il-Bord tak-Kera suċitat, wieħed irid iżomm f'moħħu l-prinċipju ta' pacta sunt servanda, ukoll lil kuntratti għandhom jiġu esegwiti in bona fede, ukoll li jirrispettaw l-ħsieb ta' wara l-ftehim innifsu, in poche parole x'riedu u ittendew il-partijiet.*

*...............*

*Bla tlaqliq hija l-fehma soda tal-Qorti lil-ftehim tal-kera kien wieħed ċar u ma jħalli ebda lok ta' interpretazjoni fl-idea u spirtu tiegħu, il-kera saret a favur ta' l-aħwa Portanier biss, fi kliem sempliċi s-sidien bihom kellhom pjaċir, tant li a prexxindere mill-Kap 69 u l-artikolu tal-liġi suriferut, eskludew is-surlokazzjoni. U f'moħħom din qatt ma okkorriet, għax wara Malta Tours kif kienu jafuha huma kien hemm dejjem l-aħwa Portanier, l-inkwilini tagħhom. Din il-kortesija ma ġietx pero estiża lilhom mill-istess aħwa Portanier għax għal korrispettiv ta' ammont ta' eluf f'liri maltin ċedew il-kera lil l-istess soċjeta' li issa kienet ġestita mill-aħwa Grech illum intimati; frankament kontra l-spirtu tal-kuntratt lokatizzju originali. Il-kundizzjoni ta' nuqqas ta' surlokazjoni kienet u baqgħet vigenti għax dejjem kien il-ħsieb tal-partijiet. U fl-opinjoni tal-Qorti dak li okkorra kien fil-fatt preċisament dan bl-aħwa Grech jinħbew wara l-isem tas-soċjeta' Malta Tours Limited biex ottjenew it-tgawdija tal-fond mingħajr il-kunsens tas-sidien".*

11. Permezz ta' rikors preżentat fit-30 ta' Diċembru 2021, il-konvenuta Malta Tours Limited appellat mis-sentenza u talbet:

*"1. Tikkonferma s-sentenza appellata inkwantu din iddikjarat l-intimati l-aħwa Grech personalment u s-soċjetà Match Music (Stores) Limited bħala estraneji għal vertenza u li għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika mal-appellati*

*u ebda involviment fil-vertenza in eżami u fejn konsegwentement ġew liberati mill-osservanza tal-ġudizzju; u*

*2. Tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata in kwantu laqgħet it-talbiet tal-appellati għar-raġuni hekk mogħtija, bl-ispejjeż kontra l-appellanti; u minflok:*

*3. Tiċħad it-talbiet tal-appellati; u*

*4. Tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà appellanta sa fejn dawn huma kompatibbli mal-aggravji (jew min minnhom) mressqa mill-istess appellant permezz ta' dan l-umli appell".*

12. L-atturi wieġbu li l-appell ta' Malta Tours Limited għandu jiġi miċħud għaliex id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti hi korretta ħlief għall-fatt li naqset milli tiffissa terminu għall-iżgumbrament tal-konvenuta Malta Tours Limited. Żiedu li għalkemm ippreżentaw rikors sabiex l-ewwel Qorti tagħti deċiżjoni f'dak ir-rigward, fit-terminu li fih seta' jsir appell inċidentali kien għadu ma ġiex degretat ir-rikors.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>:**

13. Permezz tal-ewwel aggravju l-appellanti tisħaq illi l-appellati ntalbu jippruvaw it-titolu tagħhom fuq il-proprjeta` in kwistjoni, liema prova ma saritx, u tilmenta li l-ewwel Qorti njorat għal kollox dik l-eċċezzjoni.

14. Hu fatt li fis-sentenza appellata ma sarux konsiderazzjonijiet dwar it-tieni eċċezzjoni. Fir-rikors promotur l-atturi appellati qalu li huma s-sidien tal-fond. L-appellati ma ressqu l-ebda prova ta' kif akkwistaw il-proprjeta` tal-fond mertu tal-kawża, ħlief għall-kelma tagħhom fl-affidavits ta' Joan Vella Muscat u Dr.

Francis Lanfranco fejn qalu min mill-appellati huma sidien ta' ¾ indiviż tal-fond u dawk l-atturi sidien tal-¼ indiviż.

15. Pero` l-appellanti tibbaża t-titolu tagħha fuq il-kirja li tgħid li għandha mingħand l-atturi appellati. Dan apparti li dak li xehdu Vella Muscat u Dr. Lanfranco qatt ma ġie kontradett jew tpoġġa fid-dubju mill-appellanti.

16. Għalhekk l-aggravju hu miċħud.

17. Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> l-appellanti ssostni illi għalkemm huwa minnu li l-kirja oriġinali saret lill-aħwa Portanier, inqas minn xahar wara dawn tal-aħħar iffurmaw soċjeta`, *ossia* Malta Tours Limited "*li bdiet tokkupa l-ħanut de quo u ġiet debitament rikonoxxuta mill-bidu nett mis-sidien qua inkwilina tal-istess fond minflok Portanier.*" Tgħid li dan kien ferm qabel l-ishma tal-istess soċjeta` ġew trasferiti mill-aħwa Portanier lill-aħwa Grech fis-sena 2000. Jgħidu illi ladarba l-appellanti ġiet debitament rikonoxxuta bħala inkwilina, allura l-konklużjoni tal-Qorti kellha tkun oħra. Iżidu wkoll illi jekk ir-rikorrenti jridu jargumentaw li bit-trasferiment tal-azzjonijiet fis-soċjeta` Malta Tours Limited mill-aħwa Portanier lill-aħwa Grech sar xi ksur fil-kondizzjonijiet tal-kirja, liema ksur huma jikkontestaw, tali lment irid jitressaq quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera.

18. Il-kwistjoni mhijiex dwar jekk seħħitx sullokazzjoni bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-kirja, iżda jekk l-appellanti Malta Tours Ltd. għandhiex jedd ta' kirja ġaladarba l-atturi bbażaw il-kawża fuq okkupazzjoni ta' fond mingħajr titolu.

19. M'hemmx dubju li l-kirja oriġinali kienet bejn l-atturi u Portanier. Il-provi juru li kważi mill-bidu tal-kirja l-aħwa Portanier dejjem operaw in-negozju permezz ta' kumpanija. Fil-fatt l-irċevuti tal-kera esibiti u li jmorru lura għas-sena 1982 dejjem inħarġu f'isem Alta Tours Ltd. u wara Malta Tours Limited, u dan sakemm l-appellati ma komplewx jirċievu l-ħlas tal-kera.

20. Hu veru li *kwalsiasi* terz jista' jħallas kreditu. Pero` l-affidavits tal-atturi Vella Muscat u Dr. Lanfranco huma prova li s-sidien ilhom is-snin jafu li l-fond jintuża u jitgawda mill-kumpanija Malta Tours Limited. Fil-fatt ikkonfermaw li mill-bidunett il-fond kien jintuża bħala uffiċċju tal-aġenzija tal-ivvjaġġar u t-tabella mal-faċċata tal-fond kienet taqra "Malta Tours". L-attriċi Vella Muscat ikkonfermat ukoll waqt il-kontro-eżami li kienet taf li l-kumpanija Malta Tours Limited kienet tagħmel in-negozju tagħha fil-fond mertu tal-kawża.[2] Dan apparti li mir-riċevuti li ġew preżentati, l-iktar waħda antika tal-1982, jirriżulta li dejjem saru f'isem Alta Tours Limited u Malta Tours Limited. Dan ma kienx każ fejn jista' jsir argument fis-sens li ħarġu xi ftit riċevuti f'isem il-kumpanija minħabba żball. Hemm ukoll ittri mibgħuta minn Malta Tours Ltd., uħud minnhom lill-avukat Lanfranco, bil-ħlas tal-kera mibgħuta fuq *letterhead* ta' Malta Tours Ltd.

[2] Fol. 55.

bl-indirizz tal-fond mertu tal-kawża taħt l-isem tal-kumpanija u l-kliem *“Travel-Shipping-Forwarding-Insurance-Real-Estate”* u ffirmati minn Portanier bħala Direttur tal-kumpanija Malta Tours Limited. Saħansitra b’ittra legali datata 22 ta’ Diċembru 1993 mibgħuta mill-avukat Lanfranco lil Alta Tours Limited, infurmaha li nofs il-kera kellha titħallas direttament lill-klijenti tiegħu li kienu koproprjetarji tal-fond. Evidenti li sidien il-kera ma kellhomx problema bil-kumpanija Malta Tours Limited għaliex kienet ta’ Portanier.

21. Fil-fehma ta’ din il-Qorti ċ-ċirkostanzi meħudin flimkien huma prova oġġettiva li sidien il-kera kienu rrikonoxxew lil Malta Tours Limited bħala inkwilina. Wara kollox l-inkwiet inqala’ biss meta fl-2001 sidien il-kera saru jafu li fil-kumpannija daħlu fix-xena terzi. Pero` sa dak iż-żmien il-kumpanija Malta Tours Limited diġa` kellha titolu.

22. Dak li sussegwentement ġara bit-trasferiment tal-interessi ta’ Portanier fil-kumpanija Malta Grech Limited lil żewġ kumpaniji tal-familja Grech, hi materja oħra li mhijiex il-mertu tal-kawża u għalhekk tibqa’ impreġudikata. Pero` jibqa’ l-fatt li Malta Tours Limited, li ġiet reġistrata l-ewwel darba fit-18 ta’ Diċembru 1969, għadha inkwilina u għalhekk it-talba tal-atturi appellati li qiegħda tokkupa l-fond bla titolu m’għandhiex mis-sewwa. Għalhekk it-talba tal-atturi fil-konfront ta’ Malta Tours Limited kellha tiġi miċħuda.

23. Dwar il-pożizzjoni tat-tliet konvenuti l-oħra ma sarx appell u għalhekk dak il-kap tas-sentenza hu ġudikat.

24. Permezz tat-tielet aggravju l-appellanti targumenta li f'każ li jintlaqgħu l-aggravji jkun opportun li l-ispejjeż kollha jkunu a karigu tal-appellati. Ovvjament minħabba dak li ser jiġi deċiż fil-mertu, dan l-aggravju hu ġustifikat.

25. Fl-appell inċidentali l-atturi appellati lmentaw li l-ewwel Qorti naqset milli tiffissa terminu għall-iżgumbrament tal-appellanti. Fir-rikors promotur saret talba sabiex jiġi ffissat terminu għall-iżgumbrament. Apparti l-fatt li m'hemmx jedd ta' appell minn *ab omissa*, peress li fil-mertu ser jintlaqa' t-tieni aggravju tal-appellanti, l-appell inċidentali sar superfluwu.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-appellanti Malta Tours Limited u tvarja s-sentenza appellata tal-1 ta' Diċembru 2021 fis-sens li tħassar il-kap tas-sentenza li bih ġie deċiż li saret sullokazzjoni u laqgħet it-talba tal-atturi appellati kif ukoll il-kap tal-ispejjeż, u minflok tilqa' r-raba' eċċezzjoni in kwantu tirreferi għall-kumpanija appellanti u tiċħad it-talba tal-atturi appellati.

Spejjeż tal-ewwel stadju u tal-appell a karigu tal-atturi appellati.

Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef

Anthony Ellul<br>Imħallef

Deputat Reġistratur<br>rm